Department of Health

Personal Alert Victoria -

Information sheet - Maltese

health

# Personal Alert Victoria (PAV) (Alert Personali f'Victoria)

## Karta ta' Informazzjoni









State Government Victoria

# Alert Personali f'Victoria (PAV)

Alert Personali f'Victoria (PAV) huwa servizz personali ta' monitoraġġ u ta' rispons ta' emerġenza. Għandu fondi mill-Gvern ta' Victoria u huwa pprovdut mingħajr ħlas lil nies anzjani fraġli u iżolati eliġibbli u lil nies b'diżabbiltajiet biex jgħinhom jibqgħu jgħixu f'darhom.

## Jien eliġibbli għall-PAV?

Eliġibbilità għall-PAV hija determinata f'assessjar li jsir f'darek. Biex tkun eliġibbli għal servizz tal-PAV għandek tissodisfa l-kriterja li ġejja..

### Kriterja ta' eliġibbiltà

#### Parti A

Għandek tissodisfa dawn l-affarijiet KOLLHA (1, 2, 3)

**1** Taqbel għal monitoraġġ ta' kuljum.

**2** Tkun kapaċi tuża u tkun lest li tilbes il-pendent tal-PAV il-ħin kollu.

**3** Tkun toqgħod waħdek JEW il-biċċa l-kbira waħdek għall-parti l-kbira tal-ġurnata jew fl-għaxija JEW tkun toqgħod ma' persuna li ma tkunx tista' tirrispondi t-telefon f'emerġenza jew li ma tkunx tista' tuża t-telefon.

#### Parti B

Għandek tissodisfa tnejn minn dawn (4, 5 u 6)

**4** Tkun waqajt ta' lanqas darba li kellek bżonn attenzjoni medika fis-sitt xhur ta' qabel, jew li tkun f'riskju li taqa'.

**5** Tkun issofri minn kundizzjoni medika kbira jew kundizzjoni kronika li tpoġġik f'riskju ta' emerġenzi medikali jew li jkollok xi effett kontinwu fuq saħħtek jew biex tgħix ħajja sewwa.

**6** Qed tieħu sitt mediċini differenti jew aktar fuq bażi permanenti li huma preskritti mit-tabib tiegħek jew speċjalista mediku.

## Min jagħmel l-assessjar?

L-organizzazzjonijiet ta' assessjar tal-PAV ġeneralment huma l-kunsill lokali tiegħek, is-servizz tas-saħħa komunitarja, is-servizz ta' assessjar tal-kura tal-anzjani, is-servizz tan-nersing distrettwali u xi ċentri ta' rijabilitazzjoni komunitarja b'fondi pubbliċi. Organizzazzjonijiet tas-saħħa u tal-gvernijiet lokali jaħdmu flimkien biex jipprovdu riferimenti fejn ikun hemm bżonn u jgħinuk fid-direzzjoni t-tajba.

It-tabib tiegħek jista' jissuġġerixxi l-PAV għalik imma assessjar speċifiku jrid isir minn assessur minn organizzazzjoni ta' assessjar tal-PAV.

## X'inhu s-servizz tal-PAV?

Is-servizz tal-PAV jinkludi kemm rispons ta' emerġenza u anke monitoraġġ ta' kuljum. Rispons ta' emerġenza jiżgura li l-għajnuna tkun hemm meta ċċempel. Monitoraġġ ta' kuljum jipprovdi ċċekkjar li inti tinstab tajjeb/tajba.

Is-Servizz tal-PAV jiddependi minn erba' taqsimiet konnessi ma' xulxin:

**1 Pendent** li jintlibes madwar l-għonq jew madwar il-polz. Għandu buttuna li meta tingħafas, tibgħat sinjal lill-unit tar-riċevitur. Il-unit tar-riċevetur imbagħad tiddalja awtomatikament is-servizz tal-PAV. Il-pendent tal-PAV jaħdem f'medja ta' 50 metru tal-unit tar-riċevitur. Jekk inti xi ħadd li 'dejjem qed tagħmel xi ħaġa' barra d-dar tiegħek, is-servizz tal-PAV ma jaqbilx għalik.

**2** Il-**unit tar-riċevetur** titpoġġa maġenb it-telefon tiegħek u tkun ikkonnettjata mal-linja tat-telefon. Tirċievi s-sinjal mill-pendent u mbagħad awtomatikament tiddalja s-servizz tal-PAV.

**3** Is-**servizz tal-PAV** għandu ħaddiema mħarrġin biex jirrispondu għat-talba tiegħek għall-għajnuna – 24 siegħa kuljum, kull jum tas-sena.

**4 Kuntatti jkunu nominati** – membri tal-familja, ħbieb jew ġirien – li huma lesti biex jgħinu. Għandek bżonn tlieta jew erba' kuntatti li jistgħu jgħinuk mill-ewwel (f'madwar 30 minuta, jew f'postijiet rurali, f'ħin xieraq). Nies li ma jkollhomx kuntatt fil-viċin jistgħu jkunu riferuti għas-Home and Community Care (HACC) Response Service.




## X'jiġri meta nagħfas il-buttuna fuq il-pendent?

Jekk ma tkunx f'sikktetk, jew taqa' jew ikollok bżonn l-għajnuna u tagħfas il-buttuna fuq il-pendent, is-servizz tal-PAV jikkuntattjak mill-ewwel biex jara għaliex ċempilt. Il-ħaddiema tas-servizz tal-PAV ikunu jistgħu jitkellmu miegħek, permezz tal-unit tar-riċevitur, f'ċerta distanza, anke jekk ma tkunx tista' tilħaq it-telefon.

Skont iċ-ċirkustanzi tat-telefonata tiegħek, is-servizz tal-PAV:

- jgħinek jew iserraħlek moħħok fuq it-telefon, jew
- iċempel lil wieħed mill-kuntatti nominati minnek u jitlobhom biex jiċċekkjawk, jew
- iċempel lis-servizzi ta' emerġenza.

## Mistoqsijiet li jsiru ta' spiss

### Jien ma nitkellimx bl-Ingliż tajjeb ħafna. Nista' nuża s-servizz?

Iva. Is-servizz tal-PAV juża interpreti u kuntatti tal-familja permezz tas-sistema tat-telefon meta jkunu qegħdin jitkellmu miegħek.

### Għandi bżonnijiet ta' komunikazzjoni differenti. Nista' nuża s-servizz?

Iva. Nies li huma torox, b'impediment tas-smigħ jew bi bżonnijiet kumplessi ta' komunikazzjonijiet jistgħu jużaw is-servizz. Tagħmir jista' jkun modifikat biex jissodisfa l-bżonnijiet tal-biċċa l-kbira tan-nies.

### Hemm perjodu li wieħed ikollu jistenna biex jirċievi s-servizz?

Iva. Ikun hemm perjodu li wieħed ikollu jistenna sakemm ikun hemm unit disponibbli.

### X'inhi l-proċedura tal-lista ta' dawk jistennew?

Nies bi bżonnijiet kbar ta' sapport u tas-tas-saħħa biss ikunu fuq il-lista jistennew għas-sevizz tal-PAV. In-nies jitpoġġew fuq il-lista jistennew skont l-ordni tad-data li jsir ir-riferiment mill-assessur lis-servizz tal-PAV. L-unika eċċezzjoni hija nies li jkollhom 100 sena jew aktar. Jitpoġġew fuqnett tal-lista jistennew bħala prijorità.

### X'jiġri jekk inkun irrid is-servizz immedjatament u ma nħossx li nista' nistenna?

Billi l-lista ta' dawk jistennew tinkludi biss nies b'sapport kbir u bi bżonnijiet tas-saħħa, l-aktar mod ġust biex ikunu assenjati l-units huwa skont l-ordni tad-data li jsiru r-riferimenti lis-servizz tal-PAV. Xi ħadd li jitpoġġa jistenna fuq il-lista f'Mejju jieħu unit qabel xi ħadd li jitpoġġa jistenna fuq il-lista f'Ġunju. Jekk tħoss li ma tistax tistenna, jew li ma tissodisfax il-kriterja ta' eliġibbiltà tas-servizz tal-PAV, tista' tiddeċiedi li tixtri servizz privat sakemm ikun imissek. Inkoraġġit li tirreferi għall-Yellow Pages taħt 'Alerting Systems or Services' biex tagħżel provditur.

Għal aktar informazzjoni dwar assessjar, ikkuntattja lill-Programm tal-Anzjani u Diżabilità tal-kunsill fil-lokal tiegħek. Il-kunsilli lokali huma mniżżla fil-Business and Government White Pages, taħt 'Your Government'.

## Suġġerimenti oħra

Jekk m'intix eliġibbli (jew anke jekk inti eliġibbli) għas-servizz tal-PAV u inti interessat dwar tipi oħra ta' monitoraġġ privat jew servizzi ta' sapport soċjali, tista' issib is-suġġerimenti li ġejjin ta' siwi.

- Lista ta' servizzi għal telefonati għal għajnuna personali fil-Yellow Pages taħt 'Alerting Systems and/or Services' li tista tikkuntattja.
- Tista' torganizza għal telefonata ta' kull jum ma' membru tal-familja, ħabib/a jew ġar/a. Din tista' tkun ta' benefiċċju għalikom it-tnejn, speċjalment jekk il-persuna l-oħra tkun toqgħod waħidha wkoll.
- Ipprogramma t-telefon tiegħek minn qabel biex tkun tista' tiddalja malajr u faċilment lil membri tal-familja billi sempliċiment tagħfas buttuna waħda.
- Hija idea tajba li toħloq lista ta' numri tat-telefon ta' ħbieb, ġirien u nies oħra li taf (forsi nies minn klabb jew grupp li inti fiħom jew li kont fiħom qabel). Kull persuna ċċempel lill-persuna ta' maġenbha fuq il-lista biex jiċċekkjaw lil xulxin u tipprovdi ftit sapport soċjali.
- Tkellem mal-kumpanija tat-telefon tiegħek dwar telefon mobbli jew bla wajer u sistemi ta' intercom.
- Telecross jitmexxa mir-Red Cross u jopera madwar l-Awstralja. Voluntiera tat-Telecross jagħmlu telefonata kuljum lil nies iżolati li jgħixu waħidhom fid-dar li jistgħu jkunu f'riskju ta' aċċident jew mard. Jekk il-persuna ma tkunx tista' tkun ikkuntattjatha jkunu attivati proċeduri ta' emerġenza. In-nies iridu jkunu kapaċi mentalment biex ikunu eliġibbli li jieħdu sehem. Għal aktar informazzjoni ċempel 1800 246 850 jew irreferi għal www.redcross.org.au/vic/services services u imxi skont il-links għal Telecross.
- Tkellem ma' xi ħadd tal-familja, ġirien u ħbieb li tafda dwar it-twaqqif ta' xi attivitajiet ta' ħarsien fil-komunità. L-iżvilupp ta' kodiċi bħala sinjal meta għajnuna tkun meħtieġa jista' jkun sempliċi u effettiv. Per eżempju, li ittella' l-blinds tal-kamra ta' quddiem matul il-ġurnata jista' jkun sinjal biex turi li inti tinstab tajjeb. Inkella, gazzetti u posta li ma jinġabrux jistgħu juru li għandek bżonn l-għajnuna.
- Ikkuntattja l-Independent Living Centre fuq **(03) 9362 6111**. Iċ-Ċentru għandu varjetà ta' tagħmir ta' għajnuna għal ħajja ta' kuljum għall-wiri.

Awtorizzat mill-Gvern ta' Victoria, 50 Lonsdale Street, Melbourne. Marzu 2011 (1011025) Biex tirċievi din il-pubblikazzjoni f'format aċċessibbli jekk jogħġbok ċempel 9096 8770 jew 133 677 (TTY-National Relay Service).